SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

18 ta' Lulju 2007 *

Fil-kawża C-213/06 P,

li għandha bħala suġġett appell taħt l-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, imressaq fit-8 ta' Mejju 2006,

Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (AER), irrappreżentata minn S. Orlandi u J.-N. Louis, avocats, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Georgios Karatzoglou, li qabel kien Membru tal-persunal temporanju ma' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni, residenti f'Ioannina (il-Greċja), irrappreżentat minn S. Pappas, dikigoros,

rikorrenti fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President ta' l-Awla, R. Schintgen, A. Tizzano (Relatur), A. Borg Barthet u E. Levits, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: D. Ruiz-Jarabo Colomer,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta ta' l-10 ta' Mejju 2007,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz ta' l-appell tagħha, l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (iktar 'il quddiem l-"AER") qiegħda titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-23 ta' Frar 2006, Karatzoglou vs L-AER (T-471/04, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"), li biha annullat id-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Frar 2004 li tittermina l-kuntratt ta' l-impjieg ta' G. Karatzoglou (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

Il-kuntest ġuridiku

2 L-AER ġiet stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2454/1999 tal-15 ta' Novembru 1999, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1628/96, dwar l-assistenza għall-Bosnja u l-Ħerzegovina, il-Kroazja, ir-Repubblika Federali tal-Jugoslavja u dik li qabel kienet ir-Repubblika Yugoslava tal-Maċedonja (ĠU L 299, p. 1).

3 Skond id-dsatax-il premessa tar-Regolament Nru 2454/1999, l-AER inħolqot għall-bżonnijiet tar-rikostruzzjoni ta' l-imsemmija Stati u, ladarba jintlaħaq dan il-għan, se ssir proposta għax-xoljiment tagħha.

4 Id-dispożizzjonijiet dwar it-tħaddim ta' l-AER ġew introdotti permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2667/2000 tal-5 ta' Diċembru 2000 dwar l-Aġenzija Ewropea għar-rikostruzzjoni (ĠU L 306, p. 7). Dan ir-Regolament ġie emendat diversi drabi, l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1756/2006, tat-28 ta' Novembru 2006 (ĠU L 332, p. 18, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 2667/2000") li b'mod partikolari pproroga l-mandat ta' l-AER sal-31 ta' Diċembru 2008.

5 Skond l-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 2667/2000:

"Il-persunal ta' l-[AER] għandu jkun suġġett għar-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali u ħaddiema oħrajn tal-Komunitajiet Ewropej. [...].

Il-persunal ta' l-[AER] għandu jikkonsisti f'numru strettament limitat ta' uffiċjali maħtura jew issekondati mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri biex iwettqu dmirijiet ta' tmexxija. Il-persunal l-ieħor għandu jikkonsisti f'impjegati oħrajn magħżula mill-[AER] għall-perijodu strettament limitat għall-ħtiġijiet ta' l-[AER]."

6 L-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68, tad-29 ta' Frar 1968, li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet ta' Impjieg ta' Uffiċjali Oħra tal-Komunitajiet Ewropej, u li jistabbilixxi miżuri speċjali applikabbli temporanjament għall-uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU L 56, p. 1), kif kienu fis-seħħ sat-30 ta' April 2004, jiddeterminaw rispettivament ir-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal") u l-kundizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem il-"KIU").

7 Skond it-Titolu II tal-KIU, il-Kapitolu 9, intitolat "Tmiem ta' l-impjieg", fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ fiż-żmien meta seħħew il-fatti tal-kawża, kien kompost mill-Artikoli 47 sa 50 u kien jipprovdi għad-diversi każijiet ta' terminazzjoni tal-kuntratt ta' Membru tal-persunal temporanju.

8 B'mod partikolari, l-Artikolu 47(2)(a) tal-KIU kien jipprovdi li l-impjieg ta' Membru tal-persunal temporanju kellu jintemm, fil-każ ta' kuntratt għal perijodu mhux determinat, "fit-tmiem tal-perijodu ta' avviż stabbilit fil-kuntratt" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

Il-fatti li wasslu għall-kawża

9 Skond l-Artikolu 4 tal-kuntratt ta' impjieg tiegħu (iktar 'il quddiem il-"kuntratt"), G. Karatzoglou ġie impjegat mill-AER, mis-7 ta' Novembru 2001, bħala Membru tal-persunal temporanju għal perijodu ta' 18-il xahar.

10 L-Artikolu 5(b) tal-kuntratt jipprovdi:

"Dan il-kuntratt jista' jintemm mill-istituzzjoni jew mill-membru tal-persunal għal kull raġuni speċifikata fl-Artikoli 47 sa 50 tal-[KIU] skond il-kundizzjonijiet imniżżla minn dawn l-Artikoli [...]."

11 Wara l-perijodu kuntrattwali inizjali ta' 18-il xahar, il-partijiet ftehmu li jkomplu r-relazzjonijiet kuntrattwali tagħhom permezz ta' kuntratt għal perijodu mhux determinat. Għaldaqstant, huma mmodifikaw l-ewwel kuntratt permezz ta' ftehim addizzjonali fis-7 ta' Mejju 2003 (iktar 'il quddiem il-"ftehim addizzjonali").

12 L-Artikolu 4 tal-kuntratt, kif emendat mill-ftehim adizzjonali, jipprovdi:

"Il-kuntratt huwa konkluż għal perijodu mhux determinat. Madankollu ma jistax ikun ta' terminu itwal minn dak ta' l-[AER].

L-[AER] tirriżerva d-dritt li ttemm il-kuntratt wara tnaqqis sinjifikattiv jew it-tmiem ta' l-operazzjonijiet tagħha qabel iż-żmien previst għall-[AER]".

13 Skond il-ftehim addizzjonali, kull Artikolu ieħor ta' l-ewwel kuntratt, inkluż l-Artikolu 5, ma nbidilx.

14 B'ittra tas-26 ta' Frar 2004, id-direttur ta' l-AER informa lil G. Karatzoglou bit-terminazzjoni tal-kuntratt bil-kliem li ġej:

"B'dispjaċir ninformak li ġie deċiż li l-kuntratt tax-xogħol tiegħek ma' l-[AER] jintemm. Skond l-Artikolu 47(2) tal-[KIU] u t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 5(b) tal-kuntratt tiegħek, il-perijodu ta' avviż se jkun ta' tliet xhur li jibda jiddekorri mis-27 ta' Frar 2004."

15 Fis-27 ta' Mejju 2004, G. Karatzoglou ressaq ilment, skond l-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal ta' l-Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti"), kontra d-deċiżjoni kkontestata. Dan l-ilment ġie miċħud b'mod impliċitu, peress li l-AER ma rrispondietx għalih fit-terminu ta' erba' xhur previst mir-Regolamenti.

Ir-rikors quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

16 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fis-6 ta' Diċembru 2004, G. Karatzoglou ressaq rikors li bih talab l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

17 Dan ir-rikors kien ibbażat fuq ħames motivi, ibbażati rispettivament fuq:

— il-ksur ta' l-obbligu ta' motivazzjoni;

— il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi;

— il-ksur ta' l-Artikolu 47 tal-KIU fir-rigward ta' l-avviż;

— abbuż ta' poter, u

— il-ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba.

18 Il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat it-tieni motiv invokat mir-rikorrenti, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi. Fil-punti 33 u 34 tas-sentenza tagħha, hija fakkret il-ġurisprudenza Komunitarja li tgħid li l-possibbiltà li jiġi invokat il-prinċipju tal-protezzjoni ta' l-aspettattivi leġittimi hija miftuħa għal kull individwu li jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni Komunitarja, billi tagħtih assigurazzjonijiet preċiżi, tkun nisslet fih speranzi fondati. Dawn l-assigurazzjonijiet għandhom, f'kull każ, jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti.

19 Fid-dawl ta' dan il-prinċipju, il-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat il-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 4 tal-kuntratt, kif emendat mill-ftehim addizzjonali, tatx lil G. Karatzoglou l-assigurazzjoni leġittima li l-kuntratt tiegħu jiġi tterminat biss fil-każ ta' tnaqqis sinjifikattiv jew waqfien ta' l-operazzjonijiet ta' l-AER qabel it-tmiem tal-missjoni tagħha.

20 Fil-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrikonoxxiet li l-modifika ta' l-Artikolu 4 tal-kuntratt, kif emendat mill-ftehim addizzjonali kienet "ħolqot sitwazzjoni ambigwa f'dak li jirrigwarda l-kontenut tal-kuntratt" [traduzzjoni mhux uffiċjali]. Fil-fatt, minn naħa, il-kuntratt kien għadu jirreferi, fl-Artikolu 5 tiegħu li ma tbiddilx, għal-modalitajiet ta' terminazzjoni previsti fl-Artikoli 47 sa 50 tal-KIU li kienu jippermettu, b'mod partikoalri, lill-AER ittemm kuntratt ta' Membru tal-persunal temporanju mingħajr ma tagħti raġuni. Madankollu, min-naħa l-oħra, iż-żieda tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4 setgħet, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, "tagħti l-impressjoni lir-rikorrent li l-AER kienet limitat is-setgħa tagħha ta' terminazzjoni tal-kuntratt għall-każ ta' tnaqqis sinjifikattiv jew ta' waqfien ta' l-operazzjonijiet ta' l-AER qabel it-tmiem tal-missjoni tagħha" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

21 Il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset, għaldaqstant, fil-punti 38 u 39 tas-sentenza appellata, li G. Karatzoglou seta' emmen li l-Artikolu 4 tal-kuntratt kellu bħala għan li jindika, b'antiċipazzjoni, ir-raġuni ta' terminazzjoni eventwali oħra -jiġifieri tnaqqis sinjifikattiv jew waqfien ta' l-operazzjonijiet ta' l-AER qabel it-tmiem tal-missjoni tagħha — b'mod li, taħt is-sistema tal-kuntratt kif emendat mill-ftehim addizzjonali, l-Artikolu 5(b) tal-kuntratt setgħa japplika biss parzjalment. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li G. Karatzoglou seta' jistenna li d-dispożizzjonijiet mhux preċiżi ta' kuntratt tax-xogħol jiġu interpretati favur il-parti l-iktar dgħajfa.

22 Il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeċidiet, fil-punti 41 sa 45 tas-sentenza appellata, li t-"twemmin b'hekk maħluq għar-rikorrent" għandu jiġi kkunsidrat, skond il-Qorti tal-Prim'Istanza, bħala leġittimu, peress li b'mod partikolari, l-ebda dispożizzjoni tal-KIU ma tipprojbixxi lill-AER tillimita s-setgħa ta' terminazzjoni tagħha permezz ta' dispożizzjonijiet kuntrattwali.

23 Peress li laqgħet it-tieni motiv ta' l-appell, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-deċiżjoni kkontestata mingħajr ma eżaminat il-motivi l-oħra.

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24 L-AER titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza appellata;

— tiddeċiedi l-kawża hija stess, u tiċħad l-appell imressaq minn G. Karatzoglou, u

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż taż-żewġt istanzi.

25 G. Karatzoglou jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiċħad l-appell bħala inammissibbli, jew, sussidjarjament bħala mhux fondat, u

— tikkundanna lill-AER għall-ispejjeż.

Fuq l-ammissibbiltà ta' l-appell

26 G. Karatzoglou jinvoka l-inammissibbiltà ta' l-appell, ibbażata fuq il-preżentata tardiva tiegħu. Skond ir-rikorrent, it-terminu ta' xahrejn previst mill-Artikolu 56 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja skada fit-8 ta' Mejju 2006, filwaqt li l-appell ġie ppreżentat fid-9 ta' l-istess xahar.

27 Madankollu għandu jiġi kkonstatat li l-appell ġie ppreżentat permezz ta' posta elettronika tat-8 ta' Mejju 2006, jiġifieri fit-terminu previst fl-imsemmi Artikolu 56. Id-data invokata minn G. Karatzoglou hija dik tal-preżentata ta' l-originali tar-rikors promotur.

28 Issa, l-Artikolu 37(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jipprovdi li "id-data li fiha kopja ta' l-oriġinal iffirmat ta' att tal-proċedura [...] tasal fir-Reġistru permezz ta' faks għandha tittieħed in kunsiderazzjoni għall-finijiet ta' l-osservanza

tat-termini tal-proċedura, biss sakemm l-oriġinal ta' l-att iffirmat [...] jiġi ddepożitat fir-Reġistru sa mhux aktar tard minn għaxart'ijiem wara li tasal il-faks".

29 Għandu jiġi kkonstatat li l-kundizzjoni meħtieġa minn din id-dispożizzjoni hija ssodisfatta fil-kawża preżenti. L-appell għandu għaldaqstant jiġi ddikjarat ammissibbli.

Fuq l-appell

30 Fl-appell tagħha, l-AER takkuża lill-Qorti tal-Prim'Istanza b'diversi żbalji ta' liġi. Essenzjalment, hija ssostni, bl-ewwel aggravju, li din ta' l-aħħar interpretat ħażin it-termini tal-kuntratt f'sens manifestament kuntrarju għall-volontà tal-partijiet, u bit-tieni aggravju, li hija kkonkludiet inġustament li kien hemm ksur tal-prinċipju tal-ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi.

31 Bit-tieni aggravju tagħha, li għandu jiġi eżaminat l-ewwel, l-AER issostni, b'mod partikolari, li l-kundizzjonijiet li għalihom il-ġurisprudenza Komunitarja tissuġġetta l-invokazzjoni tal-prinċipju tal-ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi ma jintlaħqux fil-kawża preżenti. Fil-fatt, billi tagħmel riferiment għall-ġurisprudenza kostanti tal-Qorti tal-Prim'Istanza (ara s-sentenza tas-7 ta' Novembru 2002, G vs Il-Kummissjoni, T-199/01, ĠabraFP p. I-A-217 u II-1085, punt 38), l-AER issostni li l-ebda "assigurazzjoni preċiża, bla kundizzjoni u konkordanti" ma tista' tirriżulta minn stipulazzjonijiet kontradittorji bħal dawk li jidhru fil-kuntratt. Barra minn hekk, l-assigurazzjonijiet allegatament mogħtija lil G. Karatzoglou ma jikkonformawx mar-regoli applikabbli għall-AER u, b'mod partikolari, għall-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 2454/1999, li jimponi fuq din ta' l-aħħar li ma timpjegax aġenti ħlief għal terminu limitat b'mod strett għall-bżonnijiet tagħha.

32 G. Karatzoglou jirrispondi li l-Qorti tal-Prim'Istanza qieset ġustament li l-assigurazzjonijiet li ngħatawlu fir-rigward tal-limitazzjoni tal-każijiet ta' terminazzjoni tal-kuntratt kienu preċiżi b'mod sodisfaċjenti, bla kundizzjoni u konkordanti. L-AER ma limitatx ruħha li ttih assigurazzjoni ambigwa, iżda kkonkludiet miegħu ftehim addizzjonali għall-kuntratt, intiż li jimmodifika l-kuntest legali li fih ġie impjegat. Barra minn hekk, l-aspettattivi leġittimi li qiegħed jibbaża ruħu fuqhom G. Karatzoglou huma perfettament kompatibbli mad-dritt applikabbli, peress li l-ebda dispożizzjoni tal-KIU ma tipprojbixxi lill-awtorità kompetenti tillimita s-setgħa tagħha li tittermina l-kuntratti tax-xogħol tagħha permezz ta' stipulazzjonijiet kuntrattwali.

33 F'dan ir-rigward għandu jiġi mfakkar qabel kollox li, skond ġurisprudenza stabbilita sew il-prinċipju ta' l-aspettattivi leġittimi jidħol fost il-prinċipji fundamentali tal-Komunità (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 1981, Dürbeck, 112/80, Ġabra p. 1095, punt 48). Jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza li kull individwu għandu d-dritt jinvoka dan il-prinċipju meta jinsab f'sitwazzjoni li minnha jirriżulta li l-amministrazzjoni Komunitarja, billi pprovdietu b'assigurazzjonijiet preċiżi, ħolqot f'dan ir-rigward aspettattivi fondati (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 1987, Delauche vs Il-Kummissjoni, 111/86, Ġabra p. 5345, punt 24; tal-25 ta' Mejju 2000, Kögler vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, C-82/98 P, Ġabra p. I-3855, punt 33, kif ukoll tat-22 ta' Ġunju 2006, Belgique et Forum 187 vs Il-Kummissjoni, C-182/03 u C-217/03, Ġabra p. I-5479, punt 147). Barra minn hekk l-assigurazzjonijiet mogħtija għandhom jikkonformaw ma' l-istandards applikabbli (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ta' l-20 ta' Ġunju 1985, Pauvert vs Il-Qorti ta' l-Awdituri, 228/84, Ġabra p. 1969, punti 14 u 15, kif ukoll tas-6 ta' Frar 1986, Vlachou vs Il-Qorti ta' l-Awdituri, 162/84, Ġabra p. 481, punt 6).

34 Issa, għandu jiġi rrilevat li jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret din il-ġurisprudenza ġustament fil-punti 33 u 34 tas-sentenza appellata, fil-kawża preżenti hija applikat b'mod żbaljat il-kriterji ddefiniti minnha.

35 B'mod partikolari, għandu jiġi kkonstatat li jirriżulta mill-imsemmija sentenza li l-ebda "assigurazzjoni preċiża" ma ngħatat lil G. Karatzoglou, li ppermettiet il-ħolqien ta' kwalunkwe aspettattivi leġittimi fir-rigward tat-tul tal-kuntratt tax-xogħol ta' l-interessat.

36 Fil-fatt, il-Qorti tal-Prim'Istanza rrilevat, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, li "il-modifika ta' l-Artikolu 4 ta' l-ewwel kuntratt permezz tal-ftehim addizzjonali [...] ħolqot sitwazzjoni ambigwa fir-rigward tal-kontenut tal-kuntratt". Fil-punt 37 ta' l-imsemmija sentenza, hija spjegat li, "mingħajr iż-żieda tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4, l-AER kellha b'mod li ma jistax jiġi kkontestat, id-dritt ittemm il-kuntratt, [ta' G. Karatzoglou] għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikoli 47 sa 50 tal-KIU, bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabbiliti minn dawn l-Artikoli, kif previst fl-Artikolu 5(b) ta' l-ewwel kuntratt. Bil-kontra, iż-żieda tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 4 setgħet tat l-impressjoni [lill-interessat] li l-AER kienet limitat is-setgħa tagħha li ttemm il-kuntratt għall-każ ta' tnaqqis jew waqfien ta' l-operazzjonijiet ta' l-AER qabel it-terminu tal-missjoni tagħha".

37 Jirriżulta minn dak li ntqal qabel li l-Qorti tal-Prim'Istanza stess irrikonoxxiet li s-sitwazzjoni kuntrattwali ta' G. Karatzoglou kienet mill-inqas inċerta.

38 Issa, tali ambigwità mhijiex, bil-kontra ta' dak li ssostni l-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 38 sa 40 tas-sentenza appellata, l-oriġini ta' "assigurazzjonijiet preċiżi". Fil-fatt, l-Artikolu 4 ġdid tal-kuntratt setgħa jiġi interpretat kemm fis-sens invokat minn G. Karatzoglou kemm f'dak sostnut mill-AER (ara f'dan is-sens, is-sentenza Kögler vs Il-Qorti tal-Ġustizzja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34).

39 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-ebda element ieħor, li jista jiġġenera l-konvinzjoni ta' G. Karatzoglou, fir-rigward tat-tul tal-kuntratt tiegħu, ma jirriżulta mis-sentenza appellata. Fil-fatt, il-konklużjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza fir-rigward ta' tali assigurazzjonijiet hija bbażata biss fuq is-sitwazzjoni kuntrattwali li tirriżulta mill-modifika ta' l-Artikolu 4 ta' l-ewwel kuntratt ta' G. Karatzoglou.

40 Barra minn hekk, ma jistax jiġi invokat f'dan ir-rigward il-prinċipju, imsemmi mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 39 tas-sentenza appellata, li jgħid li l-parti l-iktar dgħajfa f'kuntratt tax-xogħol tista' tistenna li d-dispożizzjonijiet mhux preċiżi ta' kuntratt tax-xogħol jiġu interpretati favuriha.

41 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li l-fatt li G. Karatzoglou jista' jitqies li huwa l-parti l-iktar dgħajfa ma għandu ebda rilevanza fuq il-konstatazzjoni tan-nuqqas ta' assigurazzjonijiet preċiżi mogħtija, fil-kawża preżenti, mill-amministrazzjoni Komunitarja. Kunsiderazzjonijiet marbuta mas-sitwazzjoni kuntrattwali ta' G. Karatzoglou fir-rigward ta' min jimpjegah ma jistgħux jikkumpensaw għan-nuqqas ta' waħda mill-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' aspettattivi leġittimi.

42 Isegwi li, fil-kawża preżenti, il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jiġi kkonstatat ksur tal-prinċipju tal-ħarsien ta' l-aspettattivi leġittimi mhumiex sodisfatti.

43 Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li d-deċiżjoni kkontestata ostakolat l-aspettattivi leġittimi ta' G. Karatzoglou minħabba l-fatt li l-kuntratt tiegħu ma jintemmx ħlief fil-każ ta' tnaqqis sinjifikattiv jew waqfien ta' l-operazzjonijiet ta' l-AER qabel it-tmiem tal-missjoni tagħha.

44 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha li ntqalu, it-tieni aggravju ta' l-appell għandu jintlaqa'.

45 Konsegwentement, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu eżaminati l-ilmenti l-oħra invokati in sostenn ta' l-appell, hemm lok li s-sentenza appellata tiġi annullata.

Fuq ir-rinviju tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza

46 Skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 61 ta' l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, din il-Qorti tista' fil-każ ta' annullament tad-deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, taqta' definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex din tiddeċiedi fuqha.

47 Billi l-Qorti tal-Prim'Istanza eżaminat biss wieħed biss mill-ħames motivi invokati minn G. Karatzoglou, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li hija mhijiex f'pożizzjoni li tiddeċiedi l-kawża. Għaldaqstant, hemm lok li din ta' l-aħħar tiġi rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tiddeċiedi fuq it-talbiet ta' l-interessat intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u li l-ispejjeż jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej tat-23 ta' Frar 2006, Karatzoglou vs L-AER (T-471/04), hija annullata.

2) Il-kawża hija rrinvijata quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej sabiex tiddeċiedi fuq it-talbiet ta' G. Karatzoglou intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni ta' l-Aġenzija Ewropea għar-Rikostruzzjoni (AER) tas-26 ta' Frar 2004, li tittermina l-kuntratt ta' impjieg tiegħu.

3) L-ispejjeż huma rriżervati.

Firem